MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2014

Numru. 544/2006

**Il-Pulizija**
**Supritendent Norbert Ciappara**

**VS**

**Edward Zahra, iben Joseph u Carmen nee' Spiteri, imwieled Tal Pieta' nhar it-22 ta' Gunju, 1981, residenti fil-fond Flat 3, Georgio Court, Triq il-Qanpiena, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 619981M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Edward Zahra** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-31 ta' Mejju, 2006 u matul dawn l-ahhar xahrejn ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas illi jipprova d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fil-31 ta’ Mejju, 2006, kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy), minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22/1985, kif emendat, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf illi l-istess huma falsifikati, u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204; u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-korrezzjoni awtorizzata a folio 12, cioe’:
“*L-Ufficjal Prosekutur waqt il-qari tal-akkuza jitlob korrezzjoni fl-akkuza fis-sens illi l-akkuza (b) taqra ‘31/05/06’*”

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 31 u l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-eventwali Kontro Ordnijiet mibghuta taht iz-zewg Kapijiet tal-Ligi msemmija – Kapitolu 31 u Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta u cioe' l-Artikoli 18 u 533 tal-Kodici Kriminali; u l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 279).

Rat ukoll illi fi stadju ulterjuri tal-proceduri, l-imputat ammetta l-akkuza tal-pussess aggravat. Intalab anke Pre-Sentencing Report, pero gustament gie redatt Social Inquiry Report minhabba l-ammissjoni kwalifikata.

L-Ispettur Norbert Ciappara (dak iz-zmien), xehed dwar informazzjoni li kien ircieva minn nies tieghu fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBG062, misjuqa minn traffikant tad-droga. Kien fuq l-istruzzjonijiet tieghu li kien gie mwaqqaf l-imputat, u saret anke tfittxija fil-garaxx tieghu minn fejn gew elevati xi pilloli u anke flus suspettati foloz. Ezebixxa zewg stqarrijiet illi hu ha lill-imputat – Dok EG u Dok EG1, folio 8 u 9. Ezebixxa wkoll il-mobile phone elevat minn fuq l-imputat – Dok EZ2, u formalment il-vettura in kwistjoni bhala Dok EZ; kif ukoll envelope bi flus ta' Lm10.00-il wahda suspettati foloz.

PC 733 Joseph Galea kkonferma li l-istqarrijiet gew rilaxxati wara d-debita twissija.

PS Antoine Micallef xehed illi wara li giet imwaqqfa l-vettura msemmija, assista anke hu ghal tfittxija minn shabu fil-garaxx minn fejn instabu madwar mitt(100) pillola suspettati ecstasy. Qal illi l-istess imputat infurmahom b'kaxxa ohra li kienet fuq ir-raff li kellha wkoll sustanza suspettata droga. Anke fuq indikazzjoni tal-imputat, sabu

mizien, boroz tal-plastic, boroz li kien anke fihom trab suspettuz allegatament kokaina u tletin(30) karta ta' ghaxar liri Maltin(Lm10.00)-il wahda.

PS 1348 Joseph Campbell ukoll xehed dwar l-insegwiment tal-vettura DGB062. Qal illi waqqfu l-istess vettura, u fiha ghamlu search – tfittxija. Din fil-fatt saret meta sabu din il-vettura wieqfa quddiem garaxx gewwa Birkirkara. Sabu l-garaxx miftuh u dahlu. Is-sid kien l-istess. Hemm saret tfittxija u xehed illi minn naha ta' gewwa tal-garaxx instab envelope li goh fih kien hemm pilloli ta' kulur abjad suspettati ecstasy. Qal illi minn fuq ir-raff sabu kaxxa tal-Pampers tat-trabi ta' kulur ahdar li go fiha kien hemm boroz tal-plastic bi trab abjad, boroz b'materjal qisu gebla ta' kulur abjad. Qal illi din il-kaxxa tal-Pampers giet indikata lilhom mill-istess imputat.

PC 138 Joseph Portelli wkoll xehed dwar is-sejba tad-droga, skondtu gew elevati ammont ta' pilloli suspettati ecstasy, erba'(4) kantunieri boroz ta' trab abjad suspettat kokaina.

PS 1184 Patrick Grech bhala SOCO nominat fl-Inkjesta ezebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok MH folio 71, flimkien ma' PS 1336 Jesmond Micallef. Gew ghalhekk ezebiti sett ritratti ta' dak kollu ezebit, kif ukoll hemm elenku tal-oggetti kollha konfiskati.

Dwar il-flus misjuba, xehed certu Robert Mifsud, mitlub mill-Qorti (verbal 07.12.2006), bhala rapprezentant tal-Bank Centrali ta' Malta. Qal dan, muri tnejn u tletin(32) noti tal-ghaxar Liri Maltin(Lm10.00), illi dawn seta' jikkonferma li kienu foloz – dan ghaliex, skondtu hafna mis-serial numbers taghhom kienu komuni, mentri kull bank note kellha serial number taghha originali. Qal ukoll illi dawn il-karti kellhom features bhal watermark u security thread neqsin. Kompla fix-xhieda tieghu, illi l-karta wzata fuq dawn il-karti kienet karta komuni, mhux is-security paper illi suppost tintuza biex jistampaw il-flus fuqha. Qal illi dawn in-nuqqasijiet kienu fil-konfront ta' kull karta ezebita.

Xehed ukoll l-Ispizjar Mario Mifsud dwar analizi tas-sustanza misjuba. Ikkonkluda fir-rigward ta’ dan:
“*Li ma nstabux sustanzi llegali fil-pouch iswed f’borza tal-plastic trasparenti li kien hemm fid-dokument 789/06/04 u fuq bicca plastic u tliet boroz tal-plastic illi kien hemm fid-dokument 789/06/05;*
*Li fit-trab abjad li kien hemm f’zewg boroz tal-plastik trasparenti fid-dokument 789/06/04, immarkati (a) u (b) rispettivament, f’ammont nett totali ta’ 9.894 grammi, instabet fihom is-sustanza Benzylpiperazine (BZP);*
*Li fil-mitt pillola bajda li kien hemm fid-dokument 789/06/01 instabet fihom is-sustanza N-Benzylpiperazine(BZP). Din is-sustanza mhix ikkontrollata bil-Ligi;*
*Li nstabu tracci tas-sustanza Kokajina fi tlettax-il borza tal-plastik trasparenti li kien hemm fid-dokument 789/06/03, fuq mizien elettroniku, hdax-il borza tal-plastik trasparenti li kien hemm fid-dokument 789/06/04, mgharfa, kuccarina, tliet bicciet plastic, u tliet boroz tal-plastic li kien hemm fid-dokument 789/06/04;*
*Li fit-trab abjad li kien hemm fi tliet boroz tal-plastik fid-dokument 789/06/04, immarkati (c) sa (e) rispettivament, f’ammont nett totali ta’ 9.728 grammi, instabet fihom is-sustanza Kokajina. Circa 23.6% tat-trab abjad li kien hemm fil-boroz kienet Kokajina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.*”

Rat ukoll illi l-Ispizjar Mario Mifsud, aktar tard gie mahtur biex jaghti valutazzjoni tad-droga misjuba, u kkonkluda dan li din kienet versu l-prezz ta’ tliet mija u sebgha u sittin Lira Maltin u tletin centezmu(Lm367.30), Dok MM1, folio 122.

PS 659 Jeffrey Hughes, appuntat biex jeleva l-impronti digitali, ipprezenta r-relazzjoni tieghu, anzi prezenta zewg settijiet – dawk mehuda fil-kors tal-Inkjesta minn fuq ix-xena tar-reat, u dawk tal-imputat mehuda fil-kors tal-investigazzjoni.

Joseph Mallia, mahtur biex jaghmel ezami komparattiv tal-impronti digitali, ipprezenta r-relazzjoni tieghu bhala Dok

JM. Ikkonkluda fiha li ebda mpronta misjuba fuq ix-xena tar-reat jew minn fuq l-oggetti hemm elevati u komparati ma' dawk tal-imputat, ma taw rizultat fin-negattiv, anke ghax l-istess impronti elevati kienu f'kazi neqsin minn punti karatterestici necessarji, u ghalhekk ma setghux iwasslu ghal ebda identifikazzjoni u komparazzjoni (Dok JM, folio 242 – 270).

Dwar il-vettura misjuqa mill-imputat – Peugeot DBG062, xehdet Lisa Xuereb. Ikkonfermat il-firma taghha fuq il-log book tal-istess a folio 47 (tergo).

Minn naha tieghu, John Xuereb, ikkonferma li hu biegh din il-vettura lil certu Stephen. Ikkonferma li dan kien dealer. Ikkonferma l-log book imsemmi.

Kif gia' premess, gie mitlub mid-Difiza Pre-Sentencing Report, pero gustament stante l-ammissjoni riservata, gie redatt Social Inquiry Report mill-Ufficjal tal-Probation Ivan Sultana, Dok IS folio 306.

Minn naha tieghu, l-imputat ghazel illi jaghti d-deposizzjoni tieghu. Qal illi fi zmien li gie arrestat, huwa kien jahdem ma' certu Mario Muscat, isuq il-vannijiet tad-disabilita'. Zied illi issa kien ghal rasu jbiegh xi karozzi u jahsel l-istess. Qal ukoll illi dak iz-zmien kien gieli jixtri karozzi bid-daqqiet, jirrangahom u jerga' jbieghhom. Qal illi dak iz-zmien ma kinx mizzewweg, pero li llum kien. Spjega li f'dak iz-zmien, kellu problemi ma' omm ibnu. Qal illi meta hassar minn maghha, beda johrog ma' shabu u beda "naqra vizzju l-kokajina" (folio 348). Ikkonferma li kellu l-vizzju tal-kokaina. Qal illi waqt illi kien ikun fil-garaxx, isewwi xi karozzi, kien jiehu kokaina hemmhekk. Qal illi bin-naqra li kien jiehu kien ihoss illi qed inehhi d-dwejjaq. Ghalhekk, fil-konfront tal-konteninturi tal-plastic misjuba fil-garaxx, dawn kien jiehu u jitfa' l-istess mal-art. Ikkonferma li l-pulizija sabu disa'(9) grammi (circa) ta' kokaina. Spjega li dawn kienu fuq ir-raff tal-garaxx, u li meta l-pulizija ghamlu s-search, tahomlhom minn jeddu. Zied illi ma kinx jaf illi jigi fl-inkwiet fuq daqshekk.

Dwar il-flus foloz li nstabu ghandu, xehed illi kien sab kartiera x'imkien hdejn il-garaxx, hadha bil-flus go fiha u halliehom hemm fil-garaxx. Qal illi kien jissniffja l-kokaina li kien juza bihom. Dak kien l-uzu li kellhom ghalih, tant illi rraguna li dawn il-flus foloz ma kinux fuqu meta sabuh il-pulizija. Qal illi kien izommhom fejn kellu d-droga.

Qa lilli lilu dan il-kaz swieh ta' taghlima, li minhabba li kien taht 'house arrest' qata' mid-droga. Tkellem fuq l-inkwiet illi dahhal fih lil ommu u lil missieru talli nkwetahomm. Qal illi mbaghadd issetilja, ma bedix johrog, beda joqghod id-dar u rrealizza li kienet hajja hazina. Qal illi issa d-droga kien umbraha. Qatt li qatt ma kellu kaz iehor fuq droga, dan kien tal-ewwel u tal-ahhar. Mistoqsi ghaliex kienet ghandu d-droga, wiegeb hekk:
"*Dik id-droga kienet ghandi ghax kont qbadt il-kokaina u kont xtrajtha biex noqghod nohodha daqqa l-garaxx, daqqa forsi kont nohrog xi naqra u hekk, iktar meta kont inkun fil-garaxx kont nohodha.*" (folio 349)

Ikkonferma wkoll illi l-istqarrija tieghu, mehuda fis-sena 2006, ittiehdet bla ma kellu access ghal avukat, ghalkemm ghalih din ma kinitx tikkostitwixxi problemi.

In kontro ezami kkonferma li hu kien jahdem ma' Mario Galletta ta' Hal Qormi, bhala driver. Kien jaghmel darbtejn, tliet trips kuljum. Ikkonferma li gieli ma hadimx kuljum. Ikkonferma li r-ritratti li gew mahruga mill-mobile phone tieghu – ic-cellulari ezaminat minn Dr Martin Bajada (ezebiti fir-relazzjoni Dok MB), kienu fil-fatt li kienu jidhru fic-cellulari tieghu. Ma kinx f'posizzjoni jispjega kif f'call profile ta' xahar - mill-ewwel(1) ta' Mejju, sal-ahhar ta' Mejju, huwa kien ghamel circa elf u mitejn telefonata (1,200). Spjega fuq dan illi hu kien juza t-telefon fuq bazi regolari, icempel lit-tfajla tieghu, lill-hbieb, jew inkella biex jixtri xi karozzi jew igib xi adverts fuq gazzetti ghal daqshekk.

Spjega wkoll illi l-pilloli misjuba, ghalih kienu 'downers' tal-kokaina. Ammetta li kien jaf illi l-flus kienu foloz, kif ukoll illi la hadhom ghand il-pulizija u lanqas il-Bank Centrali. Ikkonferma li ma' Mario kien jahdem part-time u li kien

jithallas circa zewg Liri Maltin(Lm2.00) fis-siegha. Qal illi kien jahdem bejn hamsa(5) sa sitt(6) sieghat kuljum. Qal illi ma kinx jaghti manteniment lit-tfajla tieghu, li kienu jghixu ghandu ommu, finanzjati u allura mizmuma mill-genituri tieghu. Qal illi kien jiehu gramma kuljum, illi kien jixtrieha bejn ghoxrin Lira Maltin(Lm20.00) u tletin Lira Maltin (Lm30.00). Kien ikun fil-garaxx ghal darbtejn(2) jew tliet (3) darbiet fil-gimgha.

Innega li hu qatt prova jissapportja l-vizzju tieghu billi jbiegh id-droga.

In ri-ezami dwar ix-xoghol illi kien jaghmel, ta’ rrangar ta’ vetturi, qal illi hu kien jixtrihom, jizbohhom, imbaghad jirreklamhom fuq il-gazzetti. Ikkonferma r-ritratti li kellu fuq il-mobile phone li kienu juru xi vetturi. Qal illi minn dan kien jaqla’ l-flus. Ma kinx f’posizzjoni jghid minghand min akkwista d-droga biex jipprevalixxi ruhu mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Qal illi kien jixtri hafna minn hafna bnadi. Innega wkoll illi Mario l-Galletta kien ihallsu billi jaghtieh id-droga. Rega’ zied illi minn dan l-incident ‘l hawn qaghad bil-ghaqal u qatt ma kellu problemi ohra mal-gustizzja.

Dwar in-nies li minghandhom kien jixtri d-droga, qal illi dawn ma kinx jikkomunika maghhom bit-telephone, kien johrog jiltaqa’ maghhom u jixtri. Xehed ukoll illi biex ma jkollux kummiedji kien ihalli kollox fil-garaxx u li meta marru fuqu s-CID kien tahom kollox minn jeddu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti rat ukoll illi fis-seduta ta’ nhar it-13 ta’ Marzu, 2012, giet sollevata mid-Difiza l-fatt tal-ammissibilita’ tal-istqarrija, stante li din giet mehuda minghajr dritt ta’ assistenza legali.

Illi din il-Qorti, bhal hafna ohra nostrana, gia’ ppronunzjat ruhha diversi drabi dwar dan, anke in linea ma’ varji decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali taghna – bhal “Charles Steven Muscat vs l-Avukat Generali” deciza nhar it-8 ta’ Ottubru, 2012; “Repubblika ta’ Malta vs Alfred

Camilleri", deciza nhar l-1 ta' Lulju, 2013. Din tal-ahhar aktar dwar id-dritt tas-skiet tal-investigat waqt it-tfittxija stante li l-istess ma kinx inghata d-debita twissija qabel dan ma beda jwiegeb lill-pulizija.

Taghmel ukoll hawn il-Qorti referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Cutajar", deciza fit-18 ta' Gunju, 2013:
"*Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija.*"

Illi ghalhekk il-Qorti, rat in linea ma' dak premess, illi l-imputat minn jeddu ta lill-pulizija l-oggetti, dan minnu kkonfermat viva voce. Oltre dan, in linea ma' dak citat fis-sentenza citatata, kollox jikkorabora s-sejba, inkluz dak illi qal l-istess imputat. Frankament ma qal xejn daqstant differenti fl-istqarrija.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti gia' ppremettiet illi l-imputat kien ammetta l-pussess aggravat, tant illi anke talbet id-Difiza Pre-Sentencing Report, pero gustament gie redatt Social Inquiry Report. Illi dan ikkontrasta ftit ma' dak illi gie sottomess mid-Difiza,

Illi verament l-imputat minn jeddu ta l-oggetti llegali lill-pulizija, anzi wriehom fejn kien anke jahbi l-istess. Pero issib **<u>ftit fjakk</u>** il-Qorti li hu kien sab wallet bi flus foloz fit-triq, zammhom ghandu, u kien juzahom biex irembilhom u bihom hekk imremblin jiehu d-droga. Illi jekk irid illi jitwemmen illi hu kien jiehu d-droga fil-garaxx wahdu, u

ghalhekk kellu ghandu din is-sustanza, kif allura nstabu biss kantunieri ta' boroz u mhux ukoll karti ta' flus foloz imremblin – kif del resto kien qal hu.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala m'ghandhix taccetta l-ammissjoni tal-imputat. Tqis pero, minhabba r-rizultanzi tal-Ispizjar Mario Mifsud, illi hu mhux hati tat-tieni(2) akkuza;
Tqis ukol pruvat ir-reat illi hu kellu flus foloz fil-pussess tieghu.
Issib htija ghalhekk fuq l-ewwel(1) u t-tielet(3) akkuza, u dan wara li rat ir-Raba'(4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-Artikoli 9, 10, 11, u 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u GN29/1939;
Kif ukoll l-Artikoli 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat illi ma kinx applikabbli l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Hadet in konsiderazzjoni dak illi ntqal fis-Social Inquiry Report – cioe' li l-progress illi ghamel l-imputat.

Xorta l-pieni idoneji huma ta' karcerazzjoni effettiva, ghalhekk qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' tlitt(3) snin; u ghal multa ta' sitt elef Ewro(€6,000);
Tordna wkoll illi ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-imputat jigi kkundannat ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal elf hames mija u sebghin Ewro u sitta u sittin Ewro centezmi(€1,570.66)

Tordna wkoll illi d-drogi ezebiti jigu distrutti, u ghalhekk tikkomunika din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali;
Tordna wkoll illi l-flus ezebiti jghaddu lill-Bank Centrali ta' Malta biex jiddisponu mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------